MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Numru. 473/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Mark Attard ta' 29 sena iben Carmel u Elizabeth xebba Farrugia, imwieled il-Pieta` nhar l-04/09/1982 u residenti Nr. 35, Triq l-Imhazen, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita numeru 482782(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Marzu 2012 u fil-hames snin ta' qabel din id-data:

a. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha u r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dinir-raza,bi ksur tal-artikoli 8(a) u 8(d) tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) U aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenzi inghatat mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar il-29.04.2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

d) U fl-ahhar nett talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(d), Taqsima 4 u 6, l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta' hames mitt euro (€500) liema multa tista' tithallas b'rati mensili ta' hamsin euro (€50) il-wahda bl-ewwel pagament sal-ahhar ta' Gunju, 2013.

Wara li rat l-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta testendi s-sentenza sospiza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29.04.2010 ta' tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ghal sentejn ohra li jibdew jiddekorru mil-lum. .

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok VA3

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------